MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1825/2001/1

**Joseph Cassar ghan-nom ta' Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' Saviour Axisa u l-istess Saviour Axisa**

**Vs**

**Sultana Raymond**

**It-Tribunal**

Wara li ra l-avviz ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas Lm290.30c (mitejn u disghin lira Maltin u tlettin centezmi) rappresentanti danni subiti fuq vettura AAV 818 li minnhom Lm50 thallsu mill-attur Saviour Acixa (excess) u l-kumplament thallsu mis-socjeta' attrici, wara l-incident stradali bejn il-vettura AAV 818 misjuqa mill-attur Saviour Axisa u vettura FAP 252 misjuqa mill-konvenut fil-lok u d-data indikati, ghal liema incident il-konvenut huwa unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja tat- 18 ta’ Mejju, 2001 u ta’ l-ittra ufficjali tat- 28 ta’ Awissu 2001 u l-ittra ufficjali kontra Untours Insurance Agenxy Ltd prezentata kontestwalment u l-imghax dekoribbli skond il-Ligi sa l-effettiv pagament.

Ra r-risposta fejn konvenut ecepixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante illi l-incident stradali “de quo” sehh unikament tort ta’ Saviour Axisa, salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta mill-atti li l-konvenut naqas sia li jixhed huwa stess u li jipproduci x-xhieda tieghu in difesa.

Illi l-provi prodotti mill-atturi ma gew bl-ebda mod kontradetti mill-konvenut, wisq anqas il-quantum tad-danni kontestati.

Mix-xhieda tal-konjugi Axisa mhux kontradetta, jirrizulta li t-tort ghandu jigi unikament addebitat lill-konvenut. Veru fir-rapport tal-pulizija, huwa jinnega r-responsabbilita’. Pero` dan ma giex kkonfermat bil-gurament quddiem dan it-Tribunal. Mentri ghandu jinghad li l-atturi essegwew l-ioneru taghhom skond il-Ligi.

Is-somma ta’ mitejn u disghin lira Maltin u tlettin centezmu (Lm290.30c) ghandha tigi kkonsiderata bhala kkonfermata billi wkoll mhux kontestata.

Jiddeciedi billi filwaqt li jsib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident ‘de quo’, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma mitluba ta’ mitejn u disghin lira Maltin u tlettin centezmi (Lm290.30c) bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

---------------------------------TMIEM---------------------------------